Il-Kunċett Iżlamiku tal-Ħajja wara l-Mewt

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Il-Kunċett Iżlamiku tal-Ħajja wara l-Mewt

Malik Jamil-ur-Rahman Rafiq

The Islamic Concept of Life After Death

(In Maltese Language)

Il-Kunċett Iżlamiku tal-Ħajja wara l-Mewt

Kitba ta'
Malik Jamil-ur-Rahman Rafiq
Malik Jamil-ur-Rahman Rafiq huwa l-Prinċipal ta' *Jamia Ahmadiyya* (l-Istitut tat-Teoloġija tal-Komunità Aħmadija) f'Rabwah, il-Pakistan.

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)

Traduzzjoni bil-Malti:

Qegħdin nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-ktieb għall-qarrejja tagħna. Din hija l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2015.

Laiq Ahmed Atif
President Ahmadiyya Muslim Jamaat, Malta.

Pubblikazzjoni ta'

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Mob: +356-79320139 ● **Tel:** +356-27342401
Tel: +356-21322105 ● **Fax:** +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

978-1-84880-677-1

Stampa: © shutterstock.com

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, mimli bil-Grazzja u l-Ħanin

Il-mewt ħafna drabi hija meqjusa bħala kunċett li jnissel il-biża'; madankollu xorta wieħed jiltaqa' ma' individwi qalbiena li jilqgħuha b'tant kuraġġ li jgħaġġbuk. Dan il-ktieb jittratta l-ħajja wara l-mewt minn perspettiva Iżlamika. Jibda bid-deskrizzjoni ta' tipi differenti ta' mwiet skont it-tanatoloġija (l-istudju dwar l-aspetti mediċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi tal-mewt u l-modi ta' kif in-nies iġibu ruħhom quddiemha). Imbagħad jagħti ħarsa lejn il-kunċett tal-mewt f'reliġjonijiet ewlenin oħra ħalli wara jsir paragun. Il-ktieb ikompli billi jippreżenta studju mill-perspettiva Iżlamika ta' x'jiġri meta wieħed jiġi nieqes, l-istat tar-ruħ, il-Ġenna u l-infern, u jekk il-komunikazzjoni mal-mejtin hijiex possibbli skont it-tagħlim tal-Iżlam. Il-ktieb jagħti wkoll ħarsa lejn ritwali u użanzi Iżlamiċi differenti relatati mal-ġisem tal-mejjet, id-dfin u l-qabar.

Tipi ta' mwiet skont it-tanatoloġija

Skont it-tanatoloġija hemm diversi tipi ta' mwiet li jinkludu:

1. Mewta somatika jew klinika: Il-qerda totali tal-personalità minħabba l-ħsara irriversibbli tal-funzjoni u l-indipendenza tat-tliet sistemi ewlenin, jiġifieri, is-sistema respiratorja, is-sistema nervuża ċentrali u s-sistema kardjovaskulari. Din tinvolvi l-organi sħaħ. Il-ħajja tieqaf fil-ġisem iżda tippersisti f'xi partijiet komponenti, ċjoè, it-tessuti u ċ-ċelloli.[1]

2. Mewta molekulari: Id-diżintegrazzjoni gradwali tat-tessuti tal-ġisem li twassal għall-qerda ta' partijiet komponenti tal-ġisem/organi u li tintemm f'mhux aktar minn 3 jew 4 sigħat wara l-mewta somatika. Tiddependi fuq il-ħin proporzjonat mal-abbiltà li wieħed jirreżisti n-nuqqas ta' ossiġenu fit-

tessuti, eżempju:

Tessuti fin-nervituri – ftit sekondi biss
Tessuti molekulari – 3 sigħat
Kornea – 6 sigħat
Ġilda – 12-il siegħa.[2]

3. Waqfien il-Moħħ: Il-waqfien irriversibbli tal-funzjonijiet kollha tal-moħħ. F'xi ċirkostanzi, issir referenza speċjali għall-waqfien totali taz-zokk ċentrali tal-moħħ. Dan iseħħ meta persuna ma tibqgħalha l-ebda attività fiz-zokk ċentrali tal-moħħ u tkun tilfet għalkollox il-kapaċità tal-kuxjenza u l-abbiltà li tieħu n-nifs, iżda jkun baqgħalha ftit moviment fin-nerv qawwi li jgħaddi minn ġos-sinsla.[3]

L-*Encyclopaedia Britannica* (taħt *Death*) fissret il-mewt bħala "il-waqfien permanenti tal-funzjonijiet ewlenin fl-iġsma tal-annimali u l-pjanti."[4]

Skont l-*Encyclopaedia of Religion and Ethics*, mewta bijoloġika hija "il-waqfien ta' organiżmu. Ma jinħoloq l-ebda tfixkil jekk nużaw l-istess kelma għat-tmiem ta' individwu u għall-proċess evidentement irriversibbli li jwassal lejn it-tmiem."[5]

Ħarsa lejn il-kunċett tal-mewt f'reliġjonijiet dinjin

Il-Ġudaiżmu

Ejja naraw issa kif reliġjonijiet differenti jipperċepixxu l-mewt. It-Testment il-Qadim ma tantx jagħti dettalji dwar il-ħajja wara l-mewt. Jgħid:

"U ħafna minnhom li se jorqdu fit-trab tal-art se jqumu, uħud għall-ħajja ta' dejjem, u oħrajn għall-mistħija u d-disprezz għal dejjem."[6]

Għal darba oħra, f'Eżekjel 37: 4-6, insibu:

"*Ja għadam niexef, isma' l-kelma tal-Mulej. U hekk stqarr il-Mulej Alla lil dan l-għadam; Ħares, jien se nġiegħel in-nifs jidħol ġo fik u inti se tgħix: u se nqiegħed il-muskoli fuqek, u se nlaħħmek u se niksik bil-ġilda, u se nitfa' n-nifs ġo fik, u se tgħix, u se tagħraf li jiena l-Mulej*."[7]

Dwar l-infern, *The Jewish Encyclopaedia*, b'referenza għall-*Erobian Talmud*, tgħid, "In-nar ta' *Gehenna* (l-infern) ma jmissx lill-midinba Lhud għax dawn jistqarru dnubiethom quddiem il-bibien tal-infern u dawn jirritornaw lejn Alla." B'referenza għall-*Berkat* it-Talmud jiddikjara, "L-eretiċi u l-oppressuri Rumani jmorru *Gehenna*, u l-istess destin jolqot lill-Persjani, l-oppressuri tal-Lhud ta' Babilonja."[8]

Dwar il-Lhud tal-lum, Sale jistqarr:

"*Hija opinjoni mifruxa fost il-Lhud tal-lum, li l-ebda persuna (minn fost il-Lhud), tkun kemm tkun kattiva, jew ta' liema setta tkun, ma tibqa' l-infern aktar minn ħdax-il xahar, jew l-aktar l-aktar sena, ħlief Dathan, Abiram, u l-atei (minn fost il-Lhud) li se jibqgħu ttormentati hemm għall-eternità kollha*."[9]

Abiram u Dathan ħaduha kontra Mosè u nqerdu minn Alla.[10]

F'*Derech Eretz Zuta*, wieħed mill-ħmistax-il trattat li nġabru aktar tard mill-bqija tat-Talmud u li ġeneralment jiġu inklużi f'edizzjonijiet stampati, insibu li xi personaġġi bibliċi bħal Enok, Elija, u Ħiram evitaw il-mewt kompletament u marru mill-ewwel jgħammru fil-Ġenna.[11]

Il-Kristjaneżmu

Il-Kristjaneżmu jsostni li "Bħalma minħabba f'raġel wieħed id-dnub daħal fid-dinja, u l-mewt daħlet minħabba d-dnub, hekk il-mewt tilħaq lill-bnedmin kollha, għaliex kollha dinbu."[12]

Fil-ktieb bl-Urdu, *Qamusul Kitab*, aħna naqraw: "Irridu nammettu li l-mewt waslet minħabba d-dnub ta' Adam, u l-kastig tagħha ħa ż-żewġ forom tal-mewt, jiġifieri dik fiżika u dik spiritwali." Għal darba oħra, insibu: "Il-mewt fiżika hija x-xhieda proprja tal-mewt spiritwali li trid isseħħ bilfors minħabba d-dnub."[13]

Il-Buddiżmu

Dwar il-mewt il-Budda qal, "Qasira, ja raħeb, hija l-ħajja tal-bniedem", "Il-ħajja, tassew, tintemm bil-mewt". Il-mewt hija biss il-bidu ta' eżistenza ġdida minħabba l-kastig tad-dnub: il-mewt u l-kastig huma l-istess ħaġa.[14]

Għaldaqstant, dwar it-trasmigrazzjoni tar-ruħ, naqraw:

"*Teoretikament il-Buddiżmu ma jiffokax fuq l-eżistenza tar-ruħ jew it-trasmigrazzjoni tagħha, iżda jinsisti fuq ir-rotazzjoni jew ix-'xmara' ta' eżistenza. Madankollu, dwar l-influwenza prattika li ħalla fuq il-konxju popolari, dan it-twemmin sewa daqs kull prinċipju ieħor dwar it-trasmigrazzjoni [...] F'dan l-oċean vast ta' twelid mill-ġdid hemm numru bla kont ta' xmajjar ta' eżistenzi, ikkundizzjonati mit-tajjeb u l-ħażin rispettiv tagħhom, jiċċirkolaw bla waqfien mhux biss fil-kontinwità tar-ruħ tal-bniedem, iżda wkoll fis-solidarjetà ta' għadd ta' eżistenzi*."[15]

L-Induwiżmu

Fl-Induwiżmu, ġisem mejjet huwa meqjus bħala simbolu ta' impurità, għaldaqstant ftit jinżamm kuntatt fiżiku. Il-ġisem jinħasel

b'ilma safi u wara jitlibbes bi ħwejjeġ ġodda. Imbagħad, jitpoġġa ftit qtar tal-ilma mix-Xmara Ganges fil-ħalq tal-mejjet, ħalli r-ruħ tkun tista' tikseb il-ħelsien. Ftit weraq tal-ħabaq – li hi ħaxixa meqjusa mbierka – jitqiegħed ukoll mal-ġenb lemini tal-ġisem mejjet. Minn hemm, il-qraba tal-mejjet iġorru l-istreċer fuq spallejhom lejn il-post tal-kremazzjoni.

M'hemmx ġenna jew infern għal dejjem fl-Induwiżmu. Ir-ruħ tidħol f'ċiklu ta' twelid mill-ġdid. Din tista' tieħu sura ta' annimal, bniedem jew alla. Din ir-riinkarnazzjoni tibqa' għaddejja sakemm tinkiseb il-libertà sħiħa.[16]

Iż-Żoroastrijaniżmu

Fiż-Żoroastrijaniżmu (Parsi), meta persuna tkun fuq is-sodda tal-mewt, żewġ qassisin Parsi jġiegħlu lill-moribond jistqarr dnubietu. Imbagħad il-ġisem mejjet jinħasel u jitgħatta b'libsa bajda u nadifa tal-qoton, li madankollu tkun diġà użata. Wara, din il-libsa trid tinqered u ma tistax tintuża iżjed għal dan il-għan.

Raġel iġorr kontenitur bin-nar, segwit mill-qraba u l-ħbieb, il-ġisem mejjet, il-qassisin u membri oħra tal-familja tal-mejjet, imexxi l-purċissjoni funebri fid-direzzjoni ta' torri, il-post fejn se jitpoġġa l-ġisem. Quddiem il-bibien tat-torri, il-katafalk jitqiegħed fl-art, u l-wiċċ jinkixef biex in-nies ikunu jistgħu jagħtu l-aħħar tislim lill-mejjet. Il-ġisem imbagħad jittieħed lejn it-torri u jitpoġġa fuq għadd ta' ġebel b'rasu tħares lejn in-Nofsinhar. Jitneħħew il-ħwejjeġ minn fuq il-ġisem, biex jiġi għeri għalkollox. Imbagħad il-ġisem mejjet jitħalla waħdu biex jittiekel mill-avultuni li jkunu diġà qegħdin hemm jistennew. F'mhux aktar minn siegħa jew tnejn, il-ġisem ikun diġà ridott fi skeletru.[17]

Il-kunċett tal-mewt fl-Iżlam

Skont l-Iżlam, kull kreatura hija ddestinata li tmut. Il-mewt twassal għall-firda permanenti tar-ruħ mill-ġisem. Għaldaqstant il-Koran Imqaddes jiddikjara:

"*Alla jieħu l-erwieħ tal-bnedmin fil-mument tal-mewt tagħhom, u saħansitra ta' dawk li ma jkunux għadhom mietu, waqt il-ħin tal-irqad tagħhom. U mbagħad irażżan lil dawk li jkun ordna l-mewt tagħhom u jibgħat lura oħrajn sa żmien ieħor definit. F'dan kollu, tassew hemm sinjali għan-nies biex jirriflettu*."[18]

Dan kollu juri li r-ruħ għandha l-entità tagħha. Bniedem ħaj għandu kemm ġisem kif ukoll ruħ. Fil-mument tal-mewt, ir-ruħ toħroġ mill-ġisem biex ma terġax tirritorna fih. Il-ġisem ma jibqax ta' użu wara l-mewt u għalhekk jindifen.

Aktar 'il quddiem niddiskutu dwar x'jiġri mir-ruħ wara l-mewt, iżda qabel tajjeb li nistabbilixxu kif din tkun daħlet fil-ġisem. Ta' min jiċċara li kull ħaġa li teżisti hija ħolqien ta' Alla, u bl-istess mod ir-ruħ. "Hija essenza li tinħareġ mill-ġisem tul il-proċess twil li jieħu ż-żmien tat-tqala."[19]

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: "Xiex! Intom taħsbu li Aħna ħloqniekom mingħajr skop, u li m'intomx se terġgħu tiġu għandna? Imfaħħar ikun Alla, ir-Re Ġenwin."[20]

Din ma tħalli l-ebda dubju li l-bniedem inħoloq għal xi għan partikolari. Huwa ma jinqeridx għalkollox wara li jkun għex għal xi għexieren ta' snin. Għalhekk għandna nifhmu li r-ruħ tibqa' tgħix wara l-mewt biex jintlaħaq skop aħħari.

Ir-ruħ wara l-mewt
Barzakh – L-istat intermedjarju

Issa, xi jsir mir-ruħ wara l-mewt ta' xi ħadd? Il-Koran Imqaddes jgħid:

"*Għajb għall-bniedem! Kemm huwa ingrat! Ma jaħsibx ftit minn xiex ħalqu Alla, biex imbagħad maż-żmien jikkawżalu l-mewt u jagħtih qabar, imbagħad meta jogħġbu, jirxoxtah mill-ġdid*."[21]

Dan juri li Alla jassenja qabar lil kull persuna li tiġi nieqsa. Dan mhuwiex il-qabar li jħaffru l-bnedmin biex jindifen il-ġisem, għax mhux kull ġisem jindifen; hemm min jiġi kkremat, hemm min jittiekel mill-karonji tan-natura, u hemm min jegħreq fix-xmajjar u l-ibħra. Il-post fejn tgħammar ir-ruħ wara l-mewt jissejjaħ *Barzakh* (barriera) fil-Koran Imqaddes:

"*Sakemm, meta l-mewt tilħaq lil xi wieħed minnhom, huwa jitlob bil-ħniena għal ħafna drabi, 'Mulejja, erġa' ibgħatni lura ħalli nkun nista' nwettaq għemejjel tajba fil-ħajja li ħallejt warajja.' Ma jistax ikun! Hija kelma waħda li jlissen. U warajh hemm Barzakh (barriera) sakemm jasal il-jum fejn jirxoxtaw mill-ġdid*."[22]

Eżattament wara li tħalli din id-dinja fiżika, ir-ruħ tiżżejjen b'ġisem ġdid. Dan il-ġisem jirrappreżenta l-għemejjel, tajbin u ħżiena, li tkun wettqet il-persuna fil-ħajja tagħha fuq din l-art. Il-Koran Imqaddes jgħid: "Fil-jum mistenni xi wċuħ ikunu bojod, u xi wċuħ ikunu suwed."[23] Bla dubju, il-midinbin ikollhom iġsma suwed filwaqt li t-tajbin, bojod.

Il-Fundatur Qaddis tal-Komunità Aħmadija, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as], jgħid f'dan il-kuntest:

"*Għaddejt kemm-il darba minn esperjenzi waqt li kont f'sensija għalkollox fejn iltqajt ma' persuni li kienu mietu, u ntbaħt li l-iġsma*

tal-midinbin u dawk li żbaljaw kienu tant suwed li donnhom kienu magħmula mid-duħħan."[24]

Dan l-istat ta' *Barzakh* jew 'qabar' huwa stat intermedjarju li jirrappreżenta l-premjijiet jew il-kastigi imminenti tal-Ġenna u l-infern, li jistennew lir-ruħ. Il-Koran Imqaddes jgħallem:

"*Lil dawk li se jkollhom wiċċhom iswed, se jingħad lilhom: 'Intom waqaftu temmnu wara li kontu temmnu? Duqu, mela, il-kastig talli ma emmintux. U għal dawk li wiċċhom se jkun abjad, huma se jkunu fil-ħniena ta' Alla, u fiha se jkunu qed jgħammru*."[25]

Huwa evidenti, minn dan li ġej, li persuna tibda tesperjenza l-kastig jew il-premju tagħha eżattament wara l-mewt:

"*Dawk li l-anġli jġagħluhom imutu waqt li jkunu qed jimmaltrattaw lil ruħhom, se jsofru s-sottomissjoni, u se jokorbu bil-ħniena, 'Aħna ma konna involuti fl-ebda ħażen.' Se jingħad lilhom, 'Le, tassew, Alla jaf sew x'kontu tagħmlu. Għalhekk idħlu mill-bibien tal-infern ħa toqogħdu hemm. Il-ħażen bla dubju huwa l-għamara tal-arroganti'*."[26]

Dawk li l-anġli jġagħluhom imutu waqt li jkunu safja, se jingħad lilhom, "Il-paċi tkun magħkom. Idħlu l-Ġenna minħabba dak kollu li kontu twettqu."[27]

Il-Qaddis Profeta[sa] wkoll jgħallem bl-istess mod:

"Il-qabar huwa wieħed mill-ġonna tal-Ġenna jew inkella wieħed mill-fosos tan-nar."[28]

Wara l-istat ta' 'sepulkru', 'qabar' jew *Barzakh*, jasal l-istat ta' reżurrezzjoni tal-ġisem. Dan nistgħu nqabbluh mat-twelid ta' tarbija, filwaqt li l-ewwel stadju ta' *Barzakh* jixbah il-perjodu tat-tqala. Issa li r-ruħ hija mżejna b'ġisem ġdid, hija tista' tagħraf kompletament lill-Mulej, u għalhekk tista' tesperjenza bis-sħiħ il-kumpens tagħha,

filwaqt li fl-istat ta' *Barzakh* dan setgħet tagħmlu biss parzjalment.

Fiż-żewġ stati – *Barzakh* u Reżurrezzjoni – il-kundizzjonijiet spiritwali ta' persuna f'din il-ħajja jiġu manifestati fiżikament. Il-Koran Imqaddes juri:

"Dak li hu agħmi f'din id-dinja se jibqa' agħmi wara l-mewt, u se jimraħ aktar 'il bogħod mit-triq."[29]

Dan ifisser li dawk li huma spiritwalment għomja f'din id-dinja se jkunu għomja fiżikament fl-oħra. Billi aġixxew bħal raġel agħmi, li ma kienx kapaċi jara, pereżempju, il-veritajiet divini, mela se jkunu għomja fiżikament fil-ħajja tagħhom wara l-mewt. Ir-raġuni għal dan hija li l-ġisem wara l-mewt se jevolvi bħala riżultat tal-għemejjel ta' persuna f'din id-dinja. Billi r-ruħ taqsam it-turmenti u l-pjaċiri tal-ġisem, hekk fil-ħajja wara l-mewt il-kastigi u l-premjijiet mogħtija lill-bniedem se jinħassu kemm fiżikament kif ukoll spiritwalment.

Minn hawn joħroġ ċar il-fatt li l-kastig huwa riżultat dirett tal-azzjonijiet ħżiena ta' persuna, u mhux xi ħaġa imposta bil-forza minn Alla. Il-Koran Imqaddes ma jħallix dubju dwar dan: "Aqra l-ktieb tiegħek. Hija biżżejjed ruħek f'dan il-jum biex teħodha kontrik."[30]

L-iskop tal-infern

Fil-fatt, l-infern nistgħu nxebbhuh ma' sptar fejn in-nies morda jidħlu għall-kura, u għaldaqstant huwa normali li tul il-proċess ta' fejqan, ikun hemm waqtiet ta' sofferenza. Huwa interessanti li nkunu nafu li persuna li hija b'saħħitha fiżikament – li tkun qiegħda l-Ġenna – jekk tidħol f'dan l-isptar (l-infern) biex iżżur lil xi ħabib, hemm ġew ma jiġrilha xejn. Il-Koran Imqaddes jispjega aktar dwar dan is-suġġett:

"*Kelliem minn fosthom se jgħid, 'Kelli ħabib tal-qalb li kien jgħid, 'Intom, verament, bħal dawk li jemmnu li r-resurrezzjoni teżisti tabilħaqq meta mmutu u nsiru trab u għadam miksur, verament aħna se nkunu rikompensati?' Imbagħad il-kelliem se jsaqsi li ta' madwaru, 'Tistgħu tagħtu titwila u tiskopru fuqu?' Imbagħad huwa jilmħu f'nofs in-nar*."[31]

Dan in-'nar', li bis-saħħa tiegħu l-persuna marida tkun qed titfejjaq, ma jaffettwa bl-ebda mod lil dak il-viżitatur li jmur direttament l-infern biex iżur lil sieħbu.

Irridu nżommu f'moħħna li l-kastigi kollha msemmija fl-iskritturi mhumiex ħlief tipi differenti ta' fejqan. Pereżempju, dawk li jkunu qegħdin fl-infern jingħataw il-kaktus bħala ikel.[32] Aħna nafu li l-kaktus huwa duwa effettiva għal diversi infezzjonijiet, fosthom is-sifilide.[33]

Għal darba oħra, "Se jtiegħmu hemmhekk la freskezza u lanqas xorb, ħlief ilma jagħli u likwidu diżgustanti, verament kiesaħ – rikompensa xierqa."[34] Il-kelma bl-Għarbi użata għal 'likwidu diżgustanti' hija *Ghassaq* li tfisser ukoll 'materja' (*Lisan*). Huwa magħruf li l-vaċċini jsiru mill-materja. Kif dawn in-nies kienu jwarrbu bil-goff lill-profeti ta' Alla, mela bħala 'rikompensa xierqa' u bħala fejqan ikunu sfurzati jixorbu ilma kiesaħ esaġerat. U minħabba l-fatt li ma kinux jisimgħu l-Kelma ta' Alla għax rashom sħuna, mela jiġu mfejqa b'ilma jagħli. U minħabba li xewxu kontra l-profeti, mela jitfejqu min-'nar' fl-infern. Aħna nafu li n-nar jintuża wkoll fil-kawterizzazzjoni, trattament mediku biex jitfejqu l-feriti.

Għandu jkun evidenti issa l-għala l-infern huwa daqshekk importanti għal dawk in-nies morda li jeħtieġu t-trattamenti hemmhekk sabiex ikunu jistgħu jitfejqu ħalli mbagħad ikunu jistgħu jgħixu ħajja normali, b'saħħitha u feliċi fil-Ġenna. Skont il-kunċett Iżlamiku dwar il-Ġenna u l-infern, wara li jkunu fiequ jkunu jistgħu 'jintbagħtu' minn dan l-isptar. Il-Qaddis Profeta qal, **'Tassew li se jasal żmien**

fejn ma jibqa' ħadd fl-infern, u dan wara li jkunu qagħdu fih għal żmien twil.'[35] Il-Koran Imqaddes ukoll jgħallem li l-infern mhuwiex għal dejjem: "Ċertament li l-infern jonsob in-nies, huwa post għar-ribellużi, li jdumu hemmhekk għal żmien twil."[36]

Minħabba li l-mard tagħhom huwa serju ħafna, għandhom bżonn ta' perjodu twil ħafna ta' żmien biex ifiqu kompletament. Sakemm dan iseħħ, ma jkunux b'saħħithom biżżejjed biex jgħammru fil-Ġenna, eżatt bħal meta jkollok persuna marida b'mod kroniku li jeħtiġilha tibqa' fis-sodda fl-isptar sakemm tfiq.

L-għan tal-ħolqien tal-bniedem hekk kif inhu mfisser fil-Koran Imqaddes huwa: "Jien ma ħloqtx il-ġinn u l-bniedem ħlief biex iqimuni."[37] Il-kelma użata għal 'tqim' fil-vers hija *Ya'budun*, li tfisser li tagħmel *Ibadah*. Fl-Għarbi *Ibadah* tfisser li tgħaddi lilek innifsek minn programm rigoruż ferm ħalli tkun tista' timmanifesta ġo fik kwalitajiet tajba ta' Alla sa ċertu livell. Għaldaqstant, l-iskop tal-kreazzjoni tal-bniedem huwa wieħed ferm nobbli u spiritwali.

Għalhekk, l-infern ma jistax ikun hemm għal dejjem. Xi darba jrid jieqaf jeżisti. Dawk li jgħammru fih, wara li jkunu fiequ, imorru jgħixu l-ħajja normali u sana tagħhom fil-Ġenna. Hemmhekk huma jkomplu jakkwistaw livelli ogħla ta' qrubija ma' Alla l-Omnipotenti u jżidu dejjem aktar l-attributi Tiegħu. Billi l-kwalitajiet sbieħ ta' Alla huma bla għadd, mela l-Ġenna tibqa' teżisti għal dejjem.

Hemm din l-idea żbaljata mxerrda fost ċerti nies li jaħsbu li fil-Ġenna m'hemm xejn x'tagħmel ħlief tiekol, tixrob, u tissodisfa x-xewqat tiegħek. **Skont il-ħsieb Iżlamiku, ħajja mingħajr azzjoni hija sempliċement bla għan. Il-kuntentizza vera tinsab fl-azzjoni u l-progress.** Il-Koran Imqaddes jistqarr:

"Hemmhekk id-dawl jimxi qabilhom u fuq il-lemin tagħhom. Se jgħidu, 'Mulej, ipperfezzjona d-dawl tagħna u aħfrilna, għaliex bla dubju li Inti għandek is-setgħa fuq kollox.'"[38]

Dan ifisser li dawk li jkunu l-Ġenna se jkunu l-ħin kollu moħħhom biex jaqbdu d-dawl li jimxi quddiemhom u għaldaqstant ikomplu jagħmlu progress spiritwalment. Għalhekk, imqabbla mal-għemejjel tagħna fil-ħajja tagħna fuq din l-art, hekk nagħmlu sforzi akbar fil-ħajja wara l-mewt. Kull minuta nkunu qed nagħmlu progress, hekk kif intejbu l-għarfien divin tagħna. Madankollu, dan it-tħabrik kontinwu fil-ħajja tagħna wara l-mewt ma jġib miegħu l-ebda forma ta' għeja:

"*U se jgħidu, 'Kull foħrija tmur għal Alla li neħħa minn ġo fina n-niket kollu. Ċertament li l-Mulej tagħna jaħfer l-aktar, japprezza l-aktar, li minħabba l-ġenerożità tiegħu, qegħedna fil-post tal-eternità, fejn l-ebda xogħol iebes ma jilħaqna, u l-ebda sens ta' għeja ma jaffettwana'*."[39]

Skont il-Koran Imqaddes, l-akbar barka tal-Ġenna hija l-kuntentizza f'Alla:

"*Alla wiegħed lill-kredenti, irġiel u nisa, ġonna li minn taħthom jgħaddu x-xmajjar, fejn ikunu jistgħu jgħammru, u residenzi li jgħaxxqu fil-Ġonna tal-Eternità. U l-kuntentizza f'Alla hija l-akbar fosthom. Dak huwa t-trijonf suprem*."[40]

Ir-realtà tax-xbejbiet sbieħ tal-Ġenna

Issa ejja nitkellmu dwar il-*houris* (ix-xbejbiet verġni) li jinsabu fil-Ġenna. Il-Koran Imqaddes jgħid, "U Aħna se nagħtuhom bħala kumpanija xbejbiet sbieħ b'għajnejhom kbar suwed."[41] U, "hemmhekk se jkun hemm ukoll *xbejbiet verġni* li jrażżnu ħarsithom, u li l-ebda raġel jew ġinn ma miss bħalhom qabel."[42]

Dawn huma n-nisa safja u twajba li jiġu n-nisa tagħhom stess. Is-sbuħija spiritwali tagħhom hija riflessa wkoll fil-ġmiel fiżiku. Jekk xi ħadd imur l-infern u l-mara jew ir-raġel tiegħu jmur il-Ġenna, dawn isiru l-mara jew ir-raġel ta' xi ħadd li qiegħed il-Ġenna li jkun

eqreb lejhom spiritwalment, minħabba ż-żwieġ. Huwa evidenti li persuna li sejra l-infern ma tkunx taqbel ma' oħra li sejra l-Ġenna. Iżda Alla Waħdu biss ikun jaf lil min se jgħaqqad flimkien fil-ħajja wara l-mewt.

Huwa importanti li nammettu li m'għandniex il-fakultà li nifhmu eżattament x'tip ta' ħajja hemm wara l-mewt, waqt li aħna ninsabu f'din id-dinja materjali li għandha l-limitazzjonijiet tagħha. Għaldaqstant, din l-ispjegazzjoni tagħti idea ġenerali tal-ħajja wara l-mewt mill-perċezzjoni tal-ħajja attwali tagħna. Il-Koran Imqaddes huwa ċar ħafna fuq dan il-punt. Huwa jiddikjara:

"U l-ebda ruħ ma tagħraf liema hena hija moħbija mill-għajnejn, bħala premju għall-ġid li kienu jwettqu."[43]

Il-Qaddis Profeta[sa] kien stqarr dwar il-benedizzjonijiet tal-Ġenna, "L-ebda għajn ma rathom, u l-ebda widna ma semgħethom, u l-ebda moħħ uman ma immaġinahom."[44] Dan jgħodd ukoll għall-kastigi tal-infern.

Il-komunikazzjoni mal-mejtin hija possibbli?

F'dan l-istadju huwa rilevanti li nwieġbu din il-mistoqsija importanti: Huwa possibbli għalina li nikkomunikaw ma' dawk li telqu qabilna? It-tweġiba hija fl-affermattiv, iżda din tiddependi biss fuq ir-Rieda ta' Alla. Xi kultant Huwa jippermetti lill-qaddejja Tiegħu li jikkomunikaw ma' dawk li diġà marru fil-ħajja ta' dejjem, u dan isir bis-saħħa ta' *Kashf* (viżjoni). Din hija r-raġuni għala oħrajn li jkunu preżenti f'dak il-mument ma jisimgħux dawn il-konverżazzjonijiet.

Darba waħda, il-Fundatur Qaddis[as] tal-Komunità Aħmadija waqaf xi ħames jew sitt mili 'l bogħod minn Hoshiarpur, tul vjaġġ lejn

Kadjan. Huwa niżel mill-karozzella b'żewġ roti, li kienet misjuqa mill-gniedes, u qal, "Dan hu lok sabiħ li qiegħed fid-dell, ejjew nieqfu hawn għal ftit ħin." F'dak il-post kien hemm qabar ta' xi qaddis Musulman. Huwa resaq lejn il-qabar. In-narratur, Ħażrat Abdullah Sanori[ra], jgħid:

"*Jiena mort warajh, filwaqt li Xejk Ħamid Ali u Fateh Khan baqgħu ħdejn il-karozzella. Il-Qdusija Tiegħu daħal fil-qabar u għolla jdejh biex jitlob. Talab għal ftit ħin, imbagħad irritorna u indirizza lili billi qalli, 'Meta għollejt idejja biex nitlob, min kien midfun fil-qabar ħareġ u qagħad bilqiegħda quddiemi b'mod rispettuż. Kieku inti ma kontx miegħi, kont inkun nista' nkellmu wkoll. Kellu karnaġġjon ħarira ismar u għajnejn kbar.' Imbagħad qal, 'Mur ara jekk hawnx xi ħadd li jieħu ħsieb il-qabar, ħalli nistaqsuh dwaru.' Għalhekk, Ħużur staqsa lil min jieħu ħsieb, u dan wieġeb, 'Jien personalment qatt ma rajtu, il-għaliex huwa miet madwar mitt sena ilu, iżda smajt mingħand missieri u nannuwi li huwa kien jitqies bħala qaddis kbir f'dawn l-inħawi.' Meta staqsewh dwar il-fattizzi tiegħu, huwa qal, 'Kellu karnaġġjon ħarira ismar u għajnejh kbar.'*"[45]

Għal darba oħra, fil-*Hadith* Musulmana, '*Kitabul Jannati wa sifati Na'maiha wa ahliha*', huwa rrakkuntat minn Ħażrat Anas bin Malik[ra] li wara l-Battalja ta' Badr, il-Qaddis Profeta[sa] resaq lejn il-pagani mejtin u qal, "Ja tali iben it-tali, sibtu li huwa vera dak li Alla u l-Profeta tiegħu kienu wegħdukom? Ċertament li jien intbaħt li huwa kollu vera dak li Alla kien wegħedni." Għal dan, Ħażrat Umar[ra] qal, "Ja Profeta ta' Alla, kif tista' titħaddet ma' iġsma li m'għandhomx erwieħ?" Huwa rrisponda, "Inti ma tistax tisma' aħjar minnhom dak li qed ngħid lilhom, iżda huma ma jistgħux iwieġbu."

Dan ifisser li Alla ġiegħel lill-erwieħ tagħhom jisimgħu dak il-kliem f'*Barzakh*.

Ejja nagħmluha ċara li dawk l-affermazzjonijiet tal-hekk

imsejħa spiritwalisti li jsostnu li l-erwieħ ta' dawk mejta jistgħu jikkomunikaw mal-persuni ħajjin bis-saħħa ta' xi midjum, dawk huma sempliċement qarrieqa. Ir-rakkont li ġej huwa biżżejjed biex iwassal il-verità.

Fl-1924, meta Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad[ra], Kalifatul Masiħ II, it-Tieni Mexxej dinji tal-Komunità Aħmadija Musulmana, ivvjaġġa fl-Ewropa, huwa żar b'appuntament assoċjazzjoni jew soċjetà spiritwalistika. L-ispiritwalista staqsa lill-Qdusija Tiegħu ma' liema spirtu huwa xtaq jikkomunika. Huwa wieġeb, "Jiena nixtieq li tiġi r-ruħ tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]." Wara ftit l-ispiritwalista qallu li r-ruħ mixtieqa kienet preżenti. Minħabba f'hekk, il-Qdusija Tiegħu qallu, "Ja Profeta ta' Alla, għidli s-*Surah Fatiħah*." It-tweġiba – permezz tal-midjum (l-ispiritwalista) – kienet bla dubju dik mistennija, "Ma nafx."[46]

Huwa possibbli li l-Profeta Muħammad[sa] ma kienx jaf is-*Surah Fatiħah*, il-kapitlu fil-Koran Imqaddes, li huwa kien għallem lill-poplu tul ħajtu kollha, li saħansitra t-tfal żgħar Musulmani jitgħallmuh bl-amment? Il-ħajjin jistgħu jikkomunikaw mal-erwieħ bis-saħħa ta' *Kashf* (viżjoni). Dan huwa don mogħti minn Alla u ma jinkisibx bi sforzi dinjin.

Issa, ngħidu ftit kelmiet dwar il-konnessjoni tar-ruħ mal-ġisem tagħha fil-qabar, mill-perspettiva Iżlamika. Il-Qaddis Profeta[sa] qal, "M'hemm l-ebda profeta iżda hu jibqa' fil-qabar (wara l-mewt) għal erbgħin jum."[47]

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana[as], meta elabora dwar dan, stqarr:

"*Dan juri li persuna, waħda qaddisa, jibqa' jkollha konnessjoni mal-qabar u d-dinja materjali għal ftit jiem (wara l-mewt) – uħud fuq il-fatt li xtaqu jservu lir-reliġjon u oħrajn minħabba raġunijiet differenti. Imbagħad dan it-tħassib jiddgħajjef (u jieqaf) hekk kif*

il-mejjet iħalli l-qabar; inkella, ir-ruħ, eżattament wara l-mewt, bla eżitazzjoni, terħilha lejn is-sema u tibqa' hemm fl-istadju spiritwali tagħha."[48]

Hekk kif ir-ruħ tkun għammret fil-ġisem materjali għal diversi snin, għaldaqstant wara l-mewt hija tiftakar fih u żżomm konnessjoni miegħu għal ftit żmien. Dan ma jfissirx li r-ruħ tibqa' fil-ġisem tal-mejjet tul dak il-perjodu. Lanqas xejn. Għaliex, mal-mewt, hija immedjatament tilħaq id-destinazzjoni tagħha fis-sema. Mal-mogħdija taż-żmien, din il-konnessjoni tiddgħajjef u fl-aħħar ma tibqax teżisti. Dan bħar-rabta li jkollu persuna ma' art twelidu li mbagħad ikollu jemigra għal dejjem lejn xi pajjiż imbiegħed. Huwa jibqa' jiftakar f'art twelidu għal ċertu perjodu ta' żmien, iżda mbagħad bil-mod il-mod din ir-rabta tiddgħajjef u ma tibqax teżisti.

Il-persuna qaddisa tista' tiltaqa' ma' ċerti individwi neqsin permezz ta' *Kashf* biss. *Kashf* hija forma raffinata u avvanzata ħafna ta' ħolma. Ħolma tidher fl-irqad waqt li *Kashf* isseħħ meta xi ħadd ikun f'sensih. Meta tilmaħ lil xi ħadd f'ħolma, ma jfissirx li dik il-persuna se tiġi għandek attwalment. Hekk ukoll fil-*Kashf* inti tiltaqa' mal-mejjet waqt li ruħu tibqa' f'postha fis-sema.

Ritwali u użanzi Iżlamiċi fil-waqt tal-mewt

Meta persuna tkun se tħalli din id-dinja, jinqara lilha *Surah Yasin* (il-kapitlu 36 tal-Koran Imqaddes), il-għaliex f'dan il-kapitlu l-mewt u dak li jiġri wara jissemmew b'tali mod li jfarrġu lill-persuna moribonda. *Takbir* u *Kalima Shahadah* jinqraw ukoll b'ton baxx. Meta l-persuna tmut, dawk li jkunu maġenbha u dawk li jisimgħu l-aħbar wara għandhom jitolbu, "Tassew, aħna nappartjenu lil Alla u lejh nirritornaw."

Dan juri twemmin qawwi fil-ħajja ta' wara l-mewt. L-għajnejn tal-

mejjet jiġu magħluqa. Biċċa drapp tintrabat max-xedaq u r-ras biex il-ħalq jingħalaq. Ma jridx ikun hemm xehir u biki. Trid tinżamm il-paċenzja.

Meta jinħasel il-ġisem mejjet, għandhom jinħaslu l-ewwel dawk il-partijiet li s-soltu jinħaslu waqt it-talb ta' kuljum. Imbagħad jinħasel il-ġenb tal-lemin tal-ġisem u wara n-naħa tax-xellug. Il-partijiet privati għandhom jibqgħu mgħottija b'biċċa drapp. L-irġiel għandhom jaħslu lill-irġiel mejta, u n-nisa lin-nisa. Madankollu, raġel jista' jaħsel lil martu mejta u bil-maqlub. Jingħad li Ħażrat Ali[ra] ħasel il-ġisem mejjet ta' martu Ħażrat Fatimah[ra].[49] Ħażrat Abu Bakr[ra] inħasel minn martu Asma' u ibnu Abdul Raħman biex tkun inqatgħetlu xewqtu.[50]

Għat-tkeffin għandha tintuża biċċa drapp bajda. Għall-irġiel irid ikun hemm liżar għall-parti ta' fuq tal-ġisem, liżar għall-parti t'isfel, u liżar kbir ieħor biex jitgħatta l-ġisem kollu. Għan-nisa, barra dawn it-tliet biċċiet ta' drapp, iridu jiżdiedu tnejn oħra, waħda għas-sider u l-oħra għar-ras. Wara dawn it-tħejjijiet, il-ġisem jinġarr fuq katafalk għal-lok fejn se jingħad it-talb funebri. Il-ġisem tal-mejjet jitqiegħed f'pożizzjoni fejn in-naħa tal-lemin tal-ġisem tkun qiegħda fid-direzzjoni tal-*Ka'bah*.

Dawk preżenti jridu joqogħdu f'fillieri. Ejja nagħmluha ċara li mhux bilfors li l-fillieri jkunu rranġati b'mod farrad, għaliex il-Qaddis Profeta[sa] darba mexxa t-talb ta' funeral u qiegħed lil dawk preżenti f'żewġ fillieri.[51] L-imam joqgħod quddiem il-fillieri fin-nofs, bil-ġisem mejjet quddiemu.

It-talba ta' waqt il-funeral hija maqsuma fi tliet partijiet. L-imam jgħid, b'vuċi għolja, "*Allahu Akbar*" ("Alla huwa l-aqwa"), waqt li jgħolli jdejh 'il fuq lejn widnejh jew spallejh, u wara jqegħedhom fuq sidru, bl-id leminija fuq dik xellugija. Imbagħad ilissen *Thana* bil-mod u wara *Surah Fatiħah*. Is-segwaċi jagħmlu l-istess wara l-imam. Imbagħad l-imam jerġa' jgħid "*Allahu Akbar*" b'leħen

għoli biex jagħti bidu għat-tieni parti fejn il-benedizzjonijiet ta' Alla huma mitluba għall-Qaddis Profeta[sa]. "*Allahu Akbar*" tingħad b'vuċi għolja għal darba oħra biex tibda t-tielet parti tat-talba. F'dan il-waqt it-talba funebri li ġejja tingħad bil-mod:

"*O Alla, aħfer lil dawk minna li huma ħajjin u lil dawk minna li huma mejtin u lil dawk minna li huma preżenti u lil dawk minna li huma assenti u liż-żgħar tagħna u lix-xjuħ tagħna u lill-irġiel tagħna u lin-nisa tagħna. O Alla, dawk minna li inti żżommhom ħajjin, żommhom ħajjin fl-Iżlam, u dawk li inti ġġegħelhom jitilqu, ħallihom imutu fil-fidi. O Alla, iċċaħħadniex mill-ġid li joħroġ mill-mewt u tqegħedniex fi proċess warajha*."

Imbagħad l-imam jgħid, "*Allahu Akbar*" u jdawwar wiċċu lejn il-lemin u lejn ix-xellug, filwaqt li jlissen kull darba "*Assalamu alikum wa Rahmatullah.*"

Jekk il-mejjet ikun tifel jew tifla, tingħad ukoll it-talba li ġejja:

"O Alla, agħmel li jkun/tkun prekursur, predeċessur, teżor u premju u tallab li t-talb tiegħu/tagħha jinstema'."

F'dan il-waqt, il-katafalk jinġarr lejn iċ-ċimiterju, preferibbilment fuq l-ispalel tal-irġiel; jista' jintuża wkoll xi mezz ta' trasport ieħor. Il-ġisem jitniżżel fil-qabar u n-nies preżenti jitolbu: "F'Isem Alla" bi qbil mal-metodu tal-Profeta ta' Alla[sa]. Wara d-difna, talba qasira, komunitarja, tingħad bil-mod bl-idejn mgħollija 'l fuq. Imbagħad in-nies preżenti jħallu ċ-ċimiterju waqt li jitolbu, "Il-paċi tkun miegħek, u aħna, jekk Alla jrid, ningħaqdu miegħek żgur."[52]

Il-kliem tat-talba funebri jinkludi l-komunità Musulmana internazzjonali kollha – ħajjin u mejtin, dawk preżenti għat-talb funebri u le, żgħar u kbar, irġiel u nisa. Dan jagħti xhieda ta' fraternità Iżlamika universali.

Xi minn daqqiet, xi interessi u benefiċċji, spiritwali u mhumiex, huma attribwiti mal-mejjet, u għalhekk il-fidili jitolbu ħalli l-komunità jew l-individwu ma jiġux imċaħħda minn dawn il-benefiċċji saħansitra wara t-tluq tal-persuna mejta. U xi kultant il-mewt ta' persuna tkun ta' daqqa ta' ħarta għal xi individwu jew għall-komunità, u għalhekk it-talba funebri tkun tinkludi suppliki lil Alla biex il-mewt ma tirriżultax fi prova iebsa għal oħrajn.

Ejja nagħmluha ċara li meta Musulman joqgħod ħdejn qabar u jitlob għall-mejjet, dan ma jfissirx li l-mejjet jisma' l-kliem tat-talb. It-talb ikun indirizzat lejn Alla, u Huwa dak li jisma' kollox. Bla dubju, jekk Alla jkun irid, Huwa jista' jippermetti li r-ruħ tal-mejjet tisma'. Il-Koran Imqaddes huwa ċar ħafna fuq dan il-punt. Huwa jgħid:

"Il-ħajjin u l-mejtin mhumiex l-istess. Tabilħaqq, Alla jġiegħel jisma' lil dak li jixtieq Hu; u inti ma tistax iġġiegħel lil dawk li jinsabu fil-qbura jisimgħu."[53]

Fil-qosor, ir-ruħ, wara li tkun ħarġet mill-ġisem, tkun qisha 'żerriegħa' tajba jew ħażina, skont l-għemejjel tajba jew ħżiena tal-individwu f'din il-ħajja, li mbagħad tiżviluppa fl-istat ta' *Barzakh* jew 'qabar' f'ġisem b'ruħ raffinata sew li tevolvi f'dan il-ġisem. Imbagħad, persuna kompleta tfeġġ minn dan l-istat għall-istat ta' Resurrezzjoni, li nistgħu nqisuh bħala 'il-bidu ta' twelid'. Naturalment dan il-ġisem ikun b'saħħtu jew marradi skont l-azzjonijiet tajba jew ħżiena ta' persuna f'din il-ħajja. Dan jiftħilna għajnejna biex dejjem inwettqu azzjonijiet tajba u nevitaw dawk ħżiena ħalli nkunu b'saħħitna għall-ħajja li jmiss u mmorru direttament lejn il-Ġenna u nevitaw li jkollna niġu mfejqa fl-'isptar' tal-infern. Il-ħajja divina hija eterna, u l-mewt issib it-tmiem tagħha hemmhekk. Bla dubju, wara perjodu twil ħafna ta' żmien, li nistgħu nqisuh bħala 'etern', dan l-istat jista' jieqaf jeżisti, jekk Alla jkun irid.

Nota tal-Pubblikatur

Iżlam: Il-kelma *Iżlam* (*Islam* fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1987 [l-1 volum], paġna 592 - mibdula għal *Iżlam* fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma *sliem*.

Koran: Il-kelma *Koran* (*Qoran / Quran / Koran* fid-dizzjunarju ta' Aquilina, 1990 [it-2 volum], paġna 1158 - mibdula għal *Koran* fit-Tagħrif tal-2008) hija derivata mill-kelma *qari*.

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

sa *sallallahu 'alaihi wa sallam*, li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

as *alaihis-salam*, li tfisser 'Jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

ra *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum*, li tfisser 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

aba *ayyadahullahu ta'ala binasrihil-'aziz*, li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba].

Noti tal-aħħar

1. Dr Shahbaz Aħmad, *Forensic Medicine and Toxicology*, 71.
2. *Ibid*.
3. Edward Morgan MD, *Clinical Anaesthesiology*, 809.
4. *Encyclopaedia Britannica*, Edizzjoni 1951, Volum 7.
5. "Life after Death", *Encyclopaedia of Religion and Ethics*.
6. Daniel 12:2.
7. Eżekjel 37:4-6.
8. "Gehenna", *The Jewish Encyclopaedia*.
9. Wherry, Vol. 1 (79; kap. 2).
10. Numri (kap. 16).
11. *Encyclopaedia of Religion and Ethics*.
12. Rumani 5:12.
13. F.S. Khairullah, *Qamusul-Kitab*' (Lahore: Masihi Isha'at Khaanah, 1997), 970.
14. "Death and Disposal of the Dead", *Encyclopaedia of Religion and Ethics*.
15. "Transmigration – Buddhist", *Encyclopaedia of Religion and Ethics*.
16. Kent A. Jacabsen, *Three functions of Hell in Hindu Tradition*.
17. *Encyclopaedia of Religion and Ethics*.
18. *Il-Koran Imqaddes*, Al-Zumar, Vers 43.
19. *Ahmadiyyat or the True Islam*, 205.
20. *Il-Koran Imqaddes*, Al-Mu'minun, Versi 116-117.
21. *Il-Koran Imqaddes*, 'Abasa, Versi 18-23.
22. *Il-Koran Imqaddes*, Al-Mu'minun, Versi 100-101.
23. *Il-Koran Imqaddes*, Al Imran, Vers 107.
24. *The Philosophy of the Teaching of Islam*, pġ. 97.
25. *Il-Koran Imqaddes*, Al Imran, Versi 107-108.
26. *Il-Koran Imqaddes*, Al Nahl, Versi 29-30.
27. *Il-Koran Imqaddes*, Al Nahl, Vers 33.
28. "Tirmidhi", *Kitab sifatil Qiyamah*.
29. *Il-Koran Imqaddes*, Bani Isra'il, Vers 73.
30. *Il-Koran Imqaddes*, Bani Isra'il, Vers 15.
31. *Il-Koran Imqaddes*, Al Saffat, Versi 52-56.
32. *Il-Koran Imqaddes*, Al Waqi'ah, Vers 53.
33. Ħakeem Mużaffar Ħusain A'wan, "Thohar", *Kitabul Mufradat* (Lahore, Hyderabad, Karachi: Sheikh Gulam Ali & Sons Ltd)
34. *Il-Koran Imqaddes*, Al Naba', Versi 25-27.

35. "Surah Hud", *Ma'alimut Tanzil*, Vol. 2, Vers 109.
36. Il-Koran Imqaddes, Al Naba', Versi 22-24.
37. Il-Koran Imqaddes, Al Dhariyat, Vers 57.
38. Il-Koran Imqaddes, Al Tahrim, Vers 9.
39. Il-Koran Imqaddes, Al Fatir, Versi 35-36.
40. Il-Koran Imqaddes, Al Taubah, Vers 72.
41. Il-Koran Imqaddes, Al Dukhan, Vers 55.
42. Il-Koran Imqaddes, Al Rahman, Vers 57.
43. Il-Koran Imqaddes, Al Sajdah, Vers 18.
44. "Bukhari", *Kitab Bad'il-Khalq*.
45. Tarikh-e-Ahmadiyyat, Vol. 1, 276.
46. Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[ra], Darsul Quran, 23 Ramadan, 6 ta' Marzu, 1994.
47. Khanzul-'Ummal, *Kitabul Fadail*, Albabuth Thani.
48. Izala-e-Auham, Ruhani Khaza'in, Vol. 3, pġ. 227 (nota fil-qiegħ).
49. Abu 'Umar Yusuf, Babun-Nisa' wa kunahunna, bab:Alfa (Bejrut: Kutub Al-Islamiyyah).
50. Muħammad Rada, *Al-Khulafa'ur-Rashidin* (Al-Kitabul-'Arabiyy).
51. Hadith of Muslim, *Kitabul-Jana'iz*, Bab Fit-Takbir 'alal-Janazah.
52. Salat (Islamabad: Islam International Publications Ltd).
53. Il-Koran Imqaddes, Al Fatir, Vers 23.

"The Islamic Concept of Life After Death"

by Malik Jamil R. Rafiq, Principal Jamia Ahmadiyya Rabwah, Pakistan, in Maltese Language.

"Skont l-Iżlam, kull kreatura hija ddestinata li tmut. Il-mewt twassal għall-firda permanenti tar-ruħ mill-ġisem."

"Skont il-ħsieb Iżlamiku, ħajja mingħajr azzjoni hija sempliċement bla għan. Il-kuntentizza vera tinsab fl-azzjoni u l-progress. "

"L-infern nistgħu nxebbhuh ma' sptar fejn in-nies morda jidħlu għall-kura, u għaldaqstant huwa normali li tul il-proċess ta' fejqan, ikun hemm waqtiet ta' sofferenza... wara li jkunu fiequ jkunu jistgħu 'jintbagħtu' minn dan l-isptar. Il-Qaddis Profeta qal, 'Tassew li se jasal żmien fejn ma jibqa' ħadd fl-infern, u dan wara li jkunu qagħdu fih għal żmien twil'.

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

www.ahmadija.org.mt